(2) Il-funzjonijiet imwettqa bħala President ta' awtorità portwali Taljana minn ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jistgħu, inkella, jitqiesu bħala li jaqgħu taħt id-dritt ta' stabbiliment li jinsab fl-Artikoli 49 *et seq* TFUE, u, f'dan il-każ, il-projbizzjoni stabbilita mid-dritt intern li dawn il-funzjonijiet jiġu fdati lil persuna li ma għandhiex in-nazzjonalità Taljana tikkostitwixxi, jew le, diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità, jew dan il-fatt jista' jitqies bħala eskluż permezz tal-Artikolu 51 TFUE?

(3) Sussidjarjament, fil-każ fejn l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' President ta' awtorità portwali Taljana miċ-ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jista' jirrappreżenta provvista ta' "servizz", fis-sens tad-Direttiva 2006/123/KE ([1]), l-esklużjoni tal-applikazzjoni ta' din id-direttiva għas-servizzi portwali hija rilevanti, jew le, għall-finijiet ikkonċernati u — jekk dan ma jkunx il-każ — il-projbizzjoni prevista fid-dritt intern li jiġu eżerċitati tali funzjonijiet tikkostitwixxi, jew le, diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità?

(4) Iktar sussidjarjament, […] l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' President ta' awtorità portwali Taljana miċ-ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, jekk dan jitqies li ma jaqax taħt id-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, jista' xorta waħda jitqies, b'mod iktar ġenerali, skont l-Artikolu 15 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, bħala prerogattiva li taqa' taħt id-dritt irrikonoxxut liċ-ċittadin Komunitarju "*li jaħdem, li jeżerċita d-dritt ta' stabbiliment u li jagħti servizzi*", anki irrispettivament mid-dispożizzjonijiet "*settorjali*" li jinsabu fl-Artikoli 45 u 49 *et seq* TFUE, kif ukoll fid-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, u, konsegwentement, il-projbizzjoni stabbilita fid-dritt intern li jiġu eżerċitati dawn il-funzjonijiet tmur kontra — jew le — il-projbizzjoni, daqstant ieħor ġenerali, tad-diskriminazzjonijiet minħabba n-nazzjonalità prevista fl-Artikolu 21(2) tal-imsemmija Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

([1]) Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, p. 36).

**Appell ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2013 minn Rousse Industry AD mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fl-20 ta' Marzu 2013 fil-Kawża T-489/11 — Rousse Industry AD vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-271/13 P)**

(2013/C 207/52)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Partijiet**

*Appellanti:* Rousse Industry AD (rappreżentanti: A. Angelov, S. Panov, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Marzu 2013 fil-Kawża T-489/11;

— tiddeċiedi definittivament il-kawża billi tiddikjara nulli l-Artikoli 2, 3, 4 u 5 tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2011 fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat C-12/10 u N 389/09 mogħtija mill-Bulgarija lil Rousse Industry AD;

— sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċidiha mill-ġdid;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka dawn l-aggravji:

(1) **L-ewwel aggravju: ksur tar-regoli proċedurali li jippreġudika l-interessi tal-appellanti**

(i) Fil-motivi tas-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali ma indirizzatx il-mistoqsijiet essenzjali li hija għamlet lill-partijiet dwar il-fatti, bħala miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, u lanqas ma indirizzat il-pożizzjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward.

(ii) Dan jikkostitwixxi difett proċedurali sostanzjali li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja sa fejn il-Qorti Ġenerali hija meħtieġa tikkunsidra t-talbiet, l-oġġezzjonijiet u l-argumenti kollha mressqa mill-partijiet.

(2) **It-tieni aggravju: ksur tad-dritt tal-Unjoni mill-Qorti Ġenerali**

(i) Il-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 107(1) TFUE, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]), billi assumiet li kien hemm għajnuna ġdida favur Rousse Industry AD.

(ii) Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet bi ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE sa fejn ikkunsidrat, b'mod żbaljat, li l-għajnuna kienet inkompatibbli mas-suq intern tal-Unjoni u kienet taffettwa ħażin il-kompetizzjoni u li l-fatt li d-dejn dovut lill-Istat ma kienx irkuprat kien jikkostitwixxi vantaġġ għall-kumpannija.

(iii) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali ma hijiex konformi mal-Artikolu 107(1) TFUE u mal-Artikolu 296 TFUE sa fejn il-kulleġġ ġudikanti, fl-evalwazzjoni tiegħu tal-kriterju tal-investitur privat magħżul mill-Kummissjoni, ħa approċċ li, minn perspettiva legali, huwa żbaljat. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni Ewropea ma kkorroboratx il-konklużjonijiet tagħha fir-rigward tal-kriterju tal-investitur privat b'analiżi u b'fatturi ekonomiċi u għalhekk ma kien hemm ebda bażi legali sabiex il-Qorti Ġenerali tadotta l-argumenti tagħha.

(iv) Il-Qorti Ġenerali interpretat u applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 u l-Artikolu 296 TFUE sa fejn id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea għandha tispeċifika l-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata, flimkien mal-interessi, u sa fejn dawn l-interessi għandhom jiġu ddeterminati skont rata xierqa stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea — rekwiżiti li ma ġewx issodisfati, b'tali mod li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea ma hijiex immotivata.

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione Tributaria Regionale per la Toscana (l-Italja) fil-21 ta' Mejju 2013 — Equoland Soc. coop. arl vs Agenzia delle Dogane

**(Kawża C-272/13)**

(2013/C 207/53)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Qorti tar-rinviju

Commissione Tributaria Regionale per la Toscana

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Equoland Soc. coop. arl

*Konvenuta:* Agenzia delle Dogane — Ufficio delle Dogane di Livorno

### Domandi preliminari

(1) Skont l-Artikolu 16 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977 (1), u l-Artikoli 154 u 157 tad-Direttiva 2006/112/KE (2), it-tqegħid tal-oġġetti importati skont arranġamenti tal-ħażna differenti minn ħażna doganali, jiġifieri skont arranġamenti tal-ħażna tal-VAT, huwa suffiċjenti biex jippermetti eżenzjoni mill-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjoni, anki fil-każ fejn l-oġġetti ma jitqegħdux fiżikament, iżda biss fuq il-karta?

(2) Is-Sitt Direttiva 77/388/KEE u d-Direttiva 2006/112/KE jipprekludu prassi li biha Stat Membru jiġbor il-VAT fuq l-importazzjoni, minkejja l-fatt li din tkun tħallset — b'riżultat ta' żball jew ta' irregolarità — bil-mekkaniżmu ta' reverse charge permezz ta' awtofatturazzjoni u dħul simultanju fir-reġistru tal-bejgħ u tax-xiri?

(3) Il-fatt li l-Istat Membru jeżiġi l-ġbir tal-VAT diġà mħallsa bil-mekkaniżmu ta' reverse charge permezz ta' awtofatturazzjoni u dħul simultanju fir-reġistru tal-bejgħ u tax-xiri jikser il-prinċipju ta' newtralità tal-VAT?

(1) Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

(2) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Mercantil de Pontevedra (Spanja) fil-21 ta' Mejju 2013 — Pablo Acosta Padín vs Hijos de J. Barreras S.A.

**(Kawża C-276/13)**

(2013/C 207/54)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Qorti tar-rinviju

Juzgado de lo Mercantil de Pontevedra

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Pablo Acosta Padín.

*Konvenuta:* Hijos de J. Barreras S.A..

### Domandi preliminari

(1) Leġiżlazzjoni bħad-Digriet Irjali 1373/2003, tas-7 ta' Novembru 2003, li jistabbilixxi l-iskala tal-onorarji tal-prokuraturi legali, leġiżlazzjoni li tissuġġetta l-ħlas tagħhom għal skala tal-onorarji minima li tista' tiżdied jew titnaqqas biss bi 12 %, hija kompatibbli mal-Artikolu 101 TFUE (li kien l-Artikolu 81 tat-Trattat KE, moqri flimkien mal-Artikolu 10 tiegħu) u mal-Artikolu 4(3) TUE meta l-awtoritajiet tal-Istat Membru, inkluż il-qrati tiegħu, ma għandhomx il-possibbiltà effettiva li jidderogaw mit-tariffi minimi stabbiliti mill-iskala tal-onorarji legali f'każ ta' ċirkustanzi straordinarji?

(2) Sabiex tkun tista' ssir deroga mill-onorarji minimi previsti mill-iskala tal-onorarji kkontestata, sproporzjon sinjifikattiv bejn ix-xogħol effettivament imwettaq mill-prokuratur legali u l-ammont tal-onorarji pagabbli skont din l-iskala jista' jitqies bħala ċirkustanza straordinarja?